**49. Il-Viċi Prim Ministru, Ministru tal-Intern u tal-Ġustizzja l-Onor. Guido De Marco jipproponi:**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra dan li ġej għandu jirregola l-proċedura fuq dawn l-Abbozzi ta' Liġi:

1. Abbozz ta' Liġi dwar Permessi ta' Bini (Provvedimenti Temporanji);

2. Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet;

3. Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjeta' Immobbli minn Persuni mhux Residenti;

4. Abbozz ta' Liġi dwar il-Professjoni ta' l-Inġinerija;

5. Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta;

6. Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni; u

7. Abbozz ta' Liġi dwar id-Dazju tas-Sisa fuq Crown Corks u Konċentrati mhux Alkoħoliki;

A. Illi d-diskussjoni fuq l-istadji kollha tal-Abbozz ta' Liġi dwar Permessi ta' Bini (Provvedimenti Temporanji) ma għandhiex tieħu aktar minn erba' seduti fit-Tieni Qari, u tliet seduti għall-Kumitat u t-Tielet Qari;

B. Illi d-diskussjoni fuq it-Tieni Qari ta' l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet għandha tieħu seduta waħda, u żewġ seduti fuq l-istadju tal-Kumitat u t-Tielet Qari;

C. Illi d-diskussjoni fuq l-istadji kollha ta' l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjeta' Immobbli minn Persuni mhux Residenti ma għandhiex tieħu aktar minn żewġ seduti fit-Tieni Qari, liema żewġ seduti jikkomprendu kull seduta oħra li setgħet saret fuq dan it-Tieni Qari, u seduta waħda għall-Kumitat u t-Tielet Qari;

D. Illi d-diskussjoni fuq l-istadji kollha fuq l-Abbozz ta' Liġi dwar il-Professjoni ta' l-Inġinerija ma għandhiex tieħu iktar minn żewġ seduti fit-Tieni Qari, u seduta waħda għall-Kumitat u t-Tielet Qari;

E. Illi d-diskussjoni fuq l-istadji kollha ta' l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta ma għandhiex tieħu iktar minn seduta waħda;

F. Illi d-diskussjoni fuq l-istadji kollha ta' l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni ma għandhiex tieħu iktar minn seduta waħda; u

G. Illi d-diskussjoni fuq l-Abbozz ta' Liġi dwar id-Dazju tas-Sisa fuq Crown Corks u Konċentrati mhux Alkoħoliki ma għandhiex tieħu iktar minn seduta waħda;

Illi fid-diskussjonijiet kollha fuq dawn l-Abbozzi ta' Liġi msemmija hawn fuq, il-ħin għandu jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bil-winding up għall-Gvern fil-każ tat-Tieni Qari ta' kull Abbozz ta' Liġi;

Illi fl-aħħar seduta mħollija għal kull wieħed minn dawn l-Abbozzi ta' Liġi, fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol għandha titqiegħed mingħajr diskussjoni kull mistoqsija li jkun hemm bżonn, biex l-Abbozz ta' Liġi jgħaddi mill-bqija ta' l-istadji tiegħu kollha f'dik is-seduta;

Iżda anke meta jkun għadda l-ħin ta' l-interruzzjoni ta' xogħol, Ministru jista' jressaq emendi, klawsoli u skedi ġodda mingħajr avviż, li fuqhom titqiegħed il-mistoqsija mingħajr diskussjoni; u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, fejn il-mistoqsija fuq emendi, klawsoli, klawsoli ġodda mingħajr avviż, skedi jew skedi ġodda mingħajr avviż, titqiegħed mingħajr diskussjoni;

Illi fil-każ ta' kull wieħed minn dawn l-Abbozzi ta' Liġi, wara li dan ikun irrapportat il-Kumitat tiegħu jew il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, il-Kamra tgħaddi minnufih għat-Tielet Qari tiegħu; u

Illi l-votazzjonijiet kollha li jistgħu jintalbu, fi kwalunkwe stadju, fuq dawn l-Abbozzi ta' Liġi għandhom jittieħdu fil-ħin ta' l-interrruzzjoni tax-xogħol tas-seduta li fiha jkunu ntalbu, billi jekk f'dan il-ħin jerġgħu jintalbu, l-ewwel votazzjoni tittieħed wara ħames minuti minn dan il-ħin u l-votazzjonijiet l-oħra kollha, jekk ikun hemm, jittieħdu immedjatament warajha.

07.01.1988